MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 31/2004

**Victor Muscat**

**vs**

**Raymond Vella**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tikkundanna lill-konvenut Raymond Vella ihallas is-somma ta’ mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm285) dovuti bhala danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li sehh it-tletin (30) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) bejn il-vettura tal-marka Peugeot 306 u bin-numru tar-registrazzjoni VIC 306 appartenenti u misjuqa mill-attur u l-vettura tal-marka Toyota Hilux u bin-numru tar-registrazzjoni CBD 651 appartenenti u misjuqa minnek, u ta’ liema incident inti konvenut kont unikament responsabbli minhabba traskuragni, imperizji u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fid-9 ta' Frar 2004 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta f'Marzu 2004 kif ukoll ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma' dan l-avviz lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut:

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-incident meritu ta' din il-kawza sehh unikament tort ta' sewqan traskurat, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha ta' l-attur kif ukoll minhabba l-fatt illi l-attur naqas milli jzomm *a proper lookout* u di fatti hareg minn drive in qabel ma esplora t-triq tajjeb kif kien fl-obbligu tieghu li jaghmel u ghalhekk l-istess attur huwa unikament responsabbli ghall-incident;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont kif pretiz mill-attur huwa wiehed esagerat.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali responsiva ta' l-istess kumpanija assigurattrici ta' April, elfejn u erbgha (2004).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti msejjah."

Sema l-provi u ra d-dokumenti esibiti;

Sema t-trattazzjoni tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

Illi c-cirkostanzi li fihom sehhet il-habta m'humiex, b'mod generali, ikkontestati bejn il-partijiet. L-attur kien hiereg mid-drive-in tieghu filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Ma jidhirx li l-konvenut kien qieghed isuq b'xi velocita eccessiva. Id-diverbju ewlieni bejn il-partijiet jikkonsisti filli l-konvenut jghid li kien fuq in-naha tal-lemin ghax quddiemu, fuq in-naha tax-xellug kien hemm vettura pparkjata – haga smentita mill-attur.

L-abbli avukat difensur tal-attur ticcita u tesebixxi (fol 50) sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, ippreseduta mill-magistrat Antonio Micallef Trigona fl-ismijiet Michael Agius et vs Rita Sultana et fejn vettura qabzet trailer, marret wrong side, u habtet ma vettura gejja mid-direzzjoni opposta. Il-Qorti – gustament fl-umli fehma ta'dan it-Tribunal – irriteniet li min mar wrong side kien jahti ghall-incident, nonostante t-trailer li kien jimblokka ghal kollox il-karreggjata tieghu, ghax messu qabel m'ghamel manuvra bhal din qaghad attent li jista' jaghmilha bla periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq. Minn ricerka li ghamel it-Tribunal, jirrizulta li anke qrati ohrajn, f'cirkostanzi identici, iddecidew bl-istess mod. Izda dawn is-sentenzi kollha jikkoncernaw sitwazzjoni fejn kien hemm vetturi jinstaqu fl-istess triq, f'direzzjoni opposta ghal xulxin, u mhux ghall-kaz ta' vettura hierga minn garaxx (jew triq laterali) u vettura ghaddejja min-naha l-hazina tat-triq, ghal liema kazijiet hemm gurisprudenza li, fl-ahhar snin almenu , kienet konkordi li takkorda pjena htija anke lil min ikun hiereg minn triq laterali; u iktar u iktar minn garaxx, u dan fuq l-iskorta tal-principju li l-obbligu li wiehed isuq fuq sajdu jissussisti biss fil-konfront ta' utenti ohrajn tat-triq u mhux ukoll ta' min ikun qieghed jaccedi ghal tali triq.

Hekk f'*GasanMamo Insurance Agency Limited vs Cecil Bartoli* (Appell Inferjuri, 02.11.2001 – President J Said Pullicino) il-konvenut hareg bil-Mercedes mill-car park ta' taht l-istabbiliment *Nicholson's* f'Amery Street Sliema u habat mas-Subaru tal-attrici.

"Hu aktar minn ovvju illi min ikun hiereg minn go garage, anke jekk dan hu ta' Supermarket, kellu juza l-massima prudenza u kellu r-responsabilita' shiha li ma jazzardax jirfes fuq it-triq qabel ma jkun accerta ruhu ghal kollox illi dik kienet hielsa minn kull traffiku fiz-zewg direzzjonijiet. Min ikun hiereg minn go garage ma kellu d-dritt li jassumi xejn rigward tas-sewqan fuq it-triq li fuqha jkun jixtieq jirfes. Utenti tat-triq kellhom kull dritt jesigu illi l-ebda vettura hierga minn go garage ma tostakolahom fi triqthom. Hi ghal kollox zbaljata s-sottomissjoni illi l-fatt li utent tat-triq ikun fuq in-naha l-hazina tat-triq, jew anqas u anqas *on the crown of the road,* kienet necessarjament tfisser li dan kellu xi htija ghall-incident. Multo magis meta s-sinistru jsehh ma' vettura hierga minn go triq laterali minuri u anqas u anqas minn go garage. Hu elementari l-principju li min ikun hiereg minn go garage kellu juza l-massima prudenza, specjalment jekk il-vizwali tieghu ghal gol-*main road* fiz-zewg direzzjonijiet tkun b'xi mod ostakolata, kif kienet f'dan il-kaz, b'vetturi parkeggjati. Kien jinkombi fuq il-konvenut allura l-obbligu ta' *edging out* biex jesplora sewwa t-triq u kien assolutament zbaljat li jissottometti li hu kellu d-dritt jistenna li l-ebda traffiku ma jitla' minn Amery Street fuq in-naha l-hazina tat-triq."

Il-Prim'Awla (Imhallef Albert Magri) in re *Edgar Galea noe et vs Benny sive Benedict Buhagiar* - 02.10.2002 ittrattat kaz ta' Mercedes ohra li harget minn garaxx , din id-darba fi Triq Hal Saflieni, Luqa u habtet ma vann Isuzu li kien qieghed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq. Ma kienx hemm qbil dwar jekk kienx hemm karozzi pparkjati li gieghlu lis-sewwieq fit-triq isuq fuq in-naha l-hazina. Ma rrizultax li kien qed isuq bi speed eccessiv, u l-Qorti fid-dawl tal-konflitt tal-provi kkunsidrat li l-prezenza ta' dawn il-vetturi pparkjati ma gietx ippruvata. Il-Qorti ciononostante tefghet ir-responsabilita' kollha fuq is-sewwieq li kien hiereg mill-garaxx, ghar-raguni, fost ohrajn li l-incident ma sehhx ma vettura gejja mill-faccata izda ma vettura hierga minn gewwa garaxx:

*Issa din il-Qorti hija tal-fehma li f'incidenti awtomobilistici bejn vettura miexja fit-triq ghall-affari taghha u vettura hierga minn garaxx li jisbokka fuq l-istess triq, jinkombi lis-*

*sewwieq tal-vettura hierga ghal fuq it-triq li juza l-attenzjoni partikolari billi bil-manuvra tieghu jkun ser jostakola l-passagg liberu tal-vetturi fit-triq……...il-fatt li l-konvenut seta' kien xi ftit wrong side mhux fattur kontributorju ghall-akkadut billi ……...l-incident ma sehhx ma vettura gejja mill-faccata izda ma vettura hierga minn gewwa garaxx.*

Il-kodici stradali Taljan jistipula li *negli sbocchi su strada, da luogi non soggetti a pubblico passaggio* (bhalma hu garaxx jew drive-in) *e' fatto obbligo di arrestarsi, e di dare la precedenza a chi circola sulla strada* (Trattato di Infortunistica Stradale – Giuseppe Cassano e Gino Nisini, Casa Editrice La Tribuna 2003 pagna 327). Ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn vetturi gejjin mix-xellug jew mil-lemin.

Jirrizulta ghalhekk li l-kawza prossima tal-incident kienet il-manuvra inkonsulta tal-attur li hareg mid-drive-in tieghu meta l-viswali tieghu kienet limitata minn hajt gholi tal-gnien tad-dar tieghu kif ukoll minn zewg pilastri gholjin li hemm fl-istess hajt fuq kull naha tal-entratura tad-drive-in, li wkoll kienu jostru l-vettura tal-attur mill-vista tal-konvenut, u dan anke jekk il-konvenut kien qieghed isuq lejn in-naha tal-lemin tat-triq, li mill-access irrizulta li hija wahda kampestri, bid-djar fuq naha wahda biss, u mserrpa, b'mod li wiehed ma jistenniex li l-vetturi jzommu strettament il-hin kollu man-naha tax-xellug tat-triq specjalment jekk ma jkunux gejjin vetturi mid-direzzjoni opposta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------